# L-Edukazzjoni Kattolika f'Malta

## Il-Missjoni tal-Iskejjel tal-Knisja fis-Soċjetà Maltija tal-Lum u ta' Għada

SEGRETARJAT EDUKAZZJONI KATTOLIKA

CONFERENTIA EPISCOPALIS MELITENSIS

KSMR
KONFERENZA SUPERJURI MAĠĠURI TAR-RELIĠJUŻI

CSA
CHURCH SCHOOLS ASSOCIATION

# L-Edukazzjoni Kattolika f'Malta

## Il-Missjoni tal-Iskejjel tal-Knisja fis-Soċjetà Maltija tal-Lum u ta' Għada

"Il-kostellazzjonijiet jirriflettu d-dawl tagħhom stess f'univers infinit. Bħal f'kalejdoskopju, il-kuluri tagħhom jitħalltu ma' xulxin u joħolqu varjazzjonijiet kromatiċi ġodda. Dan hu dak li jiġri fl-istituzzjonijiet edukattivi Kattoliċi, li huma miftuħa biex jiltaqgħu u jisimgħu lis-soċjetà ċivili, lill-awtoritajiet politiċi u amministrattivi, kif ukoll lir-rappreżentanti tas-setturi produttivi u tal-kategoriji professjonali. Huma mitluba biex jikkollaboraw magħhom b'mod aktar attiv sabiex jaqsmu u jtejbu l-mogħdijiet edukattivi, biex it-teorija tkun sostnuta mill-esperjenza u mill-prattika. L-istorja tgħallimna wkoll li l-istituzzjonijiet tagħna jilqgħu studenti u familji li ma jemmnux jew li jħaddnu twemmin ieħor, iżda li jixtiequ edukazzjoni tassew umana. Għal din ir-raġuni – kif diġà qed jiġri – irridu nkomplu nippromwovu komunitajiet edukattivi parteċipattivi, fejn il-lajċi, ir-reliġjużi, il-familji u l-istudenti jaqsmu r-responsabbiltà tal-missjoni edukattiva flimkien mal-istituzzjonijiet pubbliċi u privati."[1]

---

[1] Ljun XIV, Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama* (27 ta' Ottubru 2025), 8.3.

Dan id-dokument, ippubblikat nhar it-13 ta' Mejju 2026, qed jiġi approvat mill-Konferenza Episkopali Maltija, mir-Rev. Fr Eric Cachia SDB, President tal-Konferenza tas-Superjuri Maġġuri Reliġjużi (KSMR), mir-Rev. Dr Mark Ellul, Delegat tal-Arċisqof għall-Edukazzjoni Kattolika, u mis-Sur Stephen Cachia, Chair tal-Assoċjazzjoni tal-Iskejjel tal-Knisja (CSA).

Il-Kumitat ta' Implimentazzjoni u Kordinazzjoni dwar il-Futur tal-Iskejjel tal-Knisja kien ippresedut mir-Rev. Fr Jimmy Bartolo SJ, li rrappreżenta lis-CSA, bil-membri r-Rev. Fr Colin Sammut OFMConv u r-Rev. Fr Leslie Gatt OSA f'isem il-KSMR, Dr Ian Mifsud u s-Sa Angela Charles f'isem is-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika (SfCE), u s-Sur Stephen Cachia wkoll f'isem is-CSA.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Identità kien ippresedut mir-Rev. Fr Eric Cachia SDB, u kellu bħala membri lis-Sur Bernard Cauchi, Sr Alexandra Chircop FCJ, il-Prof. Nadia Delicata, ir-Rev. Fr Clinton Farrugia MSSP, Sr Rachel Frendo OSA, ir-Rev. Fr Charles Sultana u s-Sa Mariella Vella.

# Werrej


**Introduzzjoni** **7**

**1 L-Għan tal-Iskejjel tal-Knisja: kostanti iżda li qed jevolvi** **10**

**2 Il-Missjoni tal-Iskejjel tal-Knisja: Edukattiva, Ekkleżjali, Evanġelika** **14**

**3 Kuntest li qed jinbidel: il-kontribut tal-Iskejjel tal-Knisja f'perspettiva Kattolika tas-soċjetà Maltija tal-lum** **20**

3.1 Is-soċjetà Maltija qed issir dejjem aktar sekulari 24

3.2 Is-soċjetà Maltija qed issir dejjem aktar multikulturali 25

3.3 Is-soċjetà Maltija integrata fil-kultura diġitali u l-intelliġenza artifiċjali 26

3.4 Il-ħarsien tal-identità Kattolika fi spirtu ta' djalogu u ftuħ għall-oħrajn 27

**4 Karatteristiċi tal-Iskejjel tal-Knisja: prinċipji mhux negozjabbli li jiggwidaw l-Edukazzjoni Kattolika** **28**

4.1 Impenn favur perspettiva ċċentrata fuq Kristu 33

4.2 Impenn favur proċess ta' tagħlim imsejjes fuq ethos Kattoliku 38

4.3 Impenn favur etika konsistenti lejn il-ħajja u l-kura tal-ħolqien kollu 40

4.4 Impenn favur il-promozzjoni ta' edukazzjoni għall-paċi 42

4.5 Impenn biex l-iskejjel iħaddnu stil sinodali 44

4.6 Impenn favur il-wirt, l-identità u l-kariżma partikolari tal-iskola 45

4.7 Impenn favur kultura u prattika ta' safeguarding 47

**Konklużjoni** **48**

**Appendiċi** **51**

**Biblijografija** **55**

# Introduzzjoni

L-Iskejjel tal-Knisja[2] huma storikament magħrufa bħala dawk li kellhom irwol kruċjali fit-twaqqif tal-edukazzjoni formali f'Malta u Għawdex, u għadhom sal-lum rikonoxxuti bħala kontributuri importanti ħafna f'dan l-aspett essenzjali tas-soċjetà Maltija. L-identità tal-Iskejjel tal-Knisja, imsejsa fuq l-għeruq Kattoliċi komuni u fuq il-valuri li jispirawhom, kienet għal żmien twil biżżejjed biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-passat. Madankollu, il-kuntest li qed jinbidel malajr, u li joffri opportunitajiet ġodda iżda wkoll sfidi u inċertezzi, jitlob ċarezza akbar dwar x'għandha tfisser l-identità tal-Iskejjel tal-Knisja għal Malta u Għawdex tal-lum u ta' għada.

Bħala parti minn inizjattiva ta' proġett akbar dwar il-Futur tal-Iskejjel tal-Knisja, mibdi mill-Assoċjazzjoni tal-Iskejjel tal-Knisja (CSA), mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika (SfCE) u mill-Konferenza tas-Superjuri Maġġuri Reliġjużi (KSMR), bl-appoġġ tal-Konferenza Episkopali Maltija, beda proċess ta' konsultazzjoni ma' Discern biex isir studju dwar x'jaħsbu diversi persuni dwar il-Futur tal-Iskejjel tal-Knisja f'Malta. Ir-riċerka dwar l-identità, il-formazzjoni u l-governanza fl-Iskejjel tal-Knisja saret fl-2023. Din kienet tinkludi focus groups mas-CSA u mal-KSMR, kif ukoll intervisti individwali semistrutturati mal-maġġoranza tal-Kapijiet tal-iskejjel u mal-Provinċjali (jew l-ekwivalenti tagħhom) responsabbli mit-tmexxija tal-iskejjel fi ħdan il-Kongregazzjonijiet rispettivi tagħhom. Dan wassal għall-pubblikazzjoni ta' dokument rivedut fl-2024 bl-isem 'Il-Futur tal-Iskejjel tal-Knisja'. Fost il-pjanijiet ta' azzjoni li ħarġu minn dan id-dokument, il-Kumitat ta' Implimentazzjoni u Kordinazzjoni dwar il-Futur tal-Iskejjel tal-Knisja ddeċieda li jiffoka

---

[2] L-Iskejjel tal-Knisja huma istituzzjonijiet speċifikati (elenkati f'Appendiċi 1) li joffru edukazzjoni Kattolika fil-livelli Pre-Primarju, Primarju, Sekondarju u Post-Sekondarju, li huma liċenzjati skont kif jipprovdu l-Liġijiet ta' Malta u rikonoxxuti bħala tali mill-Konferenza Episkopali Maltija. Dawn l-iskejjel huma wkoll koperti mill-ftehim fuq l-Iskejjel tal-Knisja bejn ir-Repubblika ta' Malta u s-Santa Sede ffirmat nhar it-28 ta' Novembru 1991.

fuq it-tema tal-identità. Għal dan il-għan twaqqaf grupp ta' ħidma *ad hoc* dwar l-Identità, li ppreżenta abbozz ta' dokument dwar il-Futur tal-Iskejjel tal-Knisja. F'Jannar 2025 dan l-abbozz reġa' ġie diskuss ma' dawk kollha involuti, inġabru r-reazzjonijiet tagħhom, u tħejja d-dokument preżenti. Dan id-dokument, approvat mill-Konferenza Episkopali Maltija, għandu jservi bħala qafas ta' gwida għall-prattika. L-ispirtu, il-profil u l-karatteristiċi li għandu jkollhom l-Iskejjel tal-Knisja qed jiġu mfissra b'mod li jsaħħaħ l-impenn tagħhom u l-esperjenza tal-komunitajiet li jaqdu.

Dan id-dokument għandu jinqara bħala parti minn definizzjoni integrata tal-identità tal-Iskejjel tal-Knisja f'Malta u Għawdex. L-għan tiegħu hu li jiggwida l-prattika b'mod sħiħ, mingħajr ma jsir eċċessivament preskrittiv. Huwa maqsum f'erba' taqsimiet:

1. L-Għan tal-Iskejjel tal-Knisja: kostanti iżda li qed jevolvi
2. Il-Missjoni tal-Iskejjel tal-Knisja: Edukattiva, Ekkleżjali, Evanġelika
3. Kuntest li qed jinbidel: il-kontribut tal-Iskejjel tal-Knisja f'perspettiva Kattolika tas-soċjetà Maltija tal-lum
4. Karatteristiċi tal-Iskejjel tal-Knisja: prinċipji mhux negozjabbli li jiggwidaw l-Edukazzjoni Kattolika



Ġnien il-Meditazzjoni f'Dar il-Ħanin Samaritan (2024), Richard England, Santa Venera

# 1

# L-Għan tal-Iskejjel tal-Knisja:

## kostanti iżda li qed jevolvi

1

# L-Għan tal-Iskejjel tal-Knisja:
## kostanti iżda li qed jevolvi

**IL-KNISJA KATTOLIKA** f'Malta kontinwament tfittex li tkun profetika billi taqra s-sinjali taż-żminijiet u twieġeb għalihom b'għerf u b'ħeġġa evanġelika. Il-Konferenza Episkopali Maltija tesprimi l-viżjoni tagħha biex tagħti xhieda tal-Evanġelju u taqdi lis-soċjetà Maltija, fost l-oħrajn, permezz tal-missjoni ekkleżjali tagħha fil-qasam tal-edukazzjoni Kattolika. Permezz tal-akkumpanjament ta' kull persuna fil-vjaġġ tagħha ta' fidi, l-edukazzjoni Kattolika hija mibnija fuq viżjoni tal-ħajja li tfittex il-milja tagħha. Din il-viżjoni hija mmexxija mill-fidi li ssejħilna nħaddnu l-esperjenza umana kollha u nesprimuha fi ħdan komunità mibnija fuq għan komuni u fuq ħajja mgħixa flimkien. Din l-edukazzjoni ħolistika, ispirata mill-preżenza u mill-messaġġ ta' Ġesù Kristu, għandha tiġi offruta b'mod speċjali lill-istudenti, lill-edukaturi u lill-ġenituri jew kustodji legali permezz tal-iskejjel Kattoliċi lokali, magħrufa aħjar bħala l-Iskejjel tal-Knisja, li l-identità Kattolika komuni tagħhom hija msaħħa minn kariżmi differenti.

Hekk kif il-gżejjer Maltin qed isiru dejjem aktar sekularizzati, multikulturali u multireliġjużi, u fl-istess waqt huma integrati f'kultura diġitali globali, l-Iskejjel tal-Knisja għandhom id-dmir li jedukaw għal żvilupp uman u spiritwali awtentiku. Dan jitlob dixxerniment kontinwu tal-aħjar prattiċi fid-dawl tal-isfidi u l-opportunitajiet ġodda li joħolqu l-bidliet kulturali u teknoloġiċi, kemm fuq livell lokali u kemm fuq dak globali. Għaldaqstant, l-esperjenza edukattiva offruta mill-Iskejjel tal-Knisja ma tistax tkun limitata biss għal aspetti prattiċi jew tekniċi, iżda għandha tfittex tifsira aktar profonda tal-ħajja — tifsira mdawla minn Kristu, li mhux biss juri l-verità dwar Alla, iżda wkoll il-verità dwar il-bniedem.


5x + 3x = 6 + 9
8x

# 2

# Il-Missjoni tal-Iskejjel tal-Knisja:

## Edukattiva, Ekkleżjali, Evanġelika

2

# Il-Missjoni tal-Iskejjel tal-Knisja:
## Edukattiva, Ekkleżjali, Evanġelika

**IL-MANDAT TAL-KNISJA** ġej mill-Fundatur divin tagħha biex tħabbar l-Evanġelju lid-dinja kollha (Mt 28:20). Dan id-dmir ekkleżjali ta' evanġelizzazzjoni huwa mibni fuq il-fidi soda u l-impenn b'risq id-dinjità tal-bniedem li ġejja mill-fatt li l-bniedem huwa maħluq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla.[3] Il-Knisja għandha għal qalbha l-ħajja kollha tal-bniedem, inkluż l-aspett sekulari tagħha, sa fejn dan għandu x'jaqsam mas-sejħa tiegħu lejn għall-ħajja eterna. "Id-dmir u d-dritt tal-edukazzjoni jappartjenu b'mod speċjali lill-Knisja, li lilha ġiet afdata b'mod divin il-missjoni li tgħin lill-persuni biex jilħqu l-milja tal-ħajja Nisranija"[4]; għalhekk, hija għandha rwol fil-progress u fl-iżvilupp tal-edukazzjoni.[5] Għaldaqstant, l-edukazzjoni għandha twassal lejn il-milja tad-dinjità umana, bl-Iskejjel tal-Knisja jkunu strumenti pastorali ewlenin għall-missjoni tal-Knisja li tevanġelizza fil-kultura li ssib ruħha fiha fejn kull azzjoni fl-iskola tkun frott tar-relazzjoni ma' Kristu.[6] Kif jgħid il-Papa Ljun XIV, "l-edukazzjoni mhijiex attività sekondarja, iżda tifforma l-istess tessut tal-evanġelizzazzjoni: hija l-mod konkret ta' kif l-Evanġelju jsir ġest edukattiv, relazzjoni u stil ta' ħajja."[7] Filwaqt li l-iskejjel kollha jippromwovu l-eċċellenza umana fl-edukazzjoni, "l-iskola tal-Knisja għandha identità speċifika: jiġifieri 'r-riferiment tagħha għal kunċett Nisrani tal-ħajja ċċentrat fuq Ġesù Kristu'." [8]

---

3 "Hu glorja ta' Alla l-bniedem ħaj u hi l-viżjoni ta' Alla l-ħajja tal-bniedem." San Irinew, *Kontra l-ereżiji,* 4, 20, 7: PG 7, 1037.
4 *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 794 §1.
5 Ara Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, *The Identity of the Catholic School for a Culture of Dialogue* (25 ta' Jannar 2022), 10.
6 Ara ibid., 20–21.
7 Ljun XIV, Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama* (27 ta' Ottubru 2025), 1.1.
8 Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, *The Identity of the Catholic School for a Culture of Dialogue* (25 ta' Jannar 2022), 20.



Ix-xhieda Nisranija tal-edukaturi lajċi u kkonsagrati[9] tħeġġeġ fit-tfal, fl-adolexxenti u fiż-żgħażagħ formazzjoni ħolistika tal-ġisem, tal-moħħ u tal-ispirtu: billi tappoġġja l-benessri ta' kull persuna, billi tikkultiva l-ħtieġa għas-skiet u r-riflessjoni, billi trawwem il-ħsieb kritiku, billi tagħti eżempju ta' valuri morali u spiritwali maturi, billi tippromwovi impenn ekoloġiku integrali, billi trawwem kultura ta' inkontru ma' xulxin, u billi tħeġġeġ id-djalogu rispettuż, flimkien mal-għażla preferenzjali u konsistenti favur il-foqra.[10] L-Iskejjel tal-Knisja huma ddedikati biex jakkumpanjaw u jedukaw lil kull persuna, b'enfasi speċjali fuq dawk l-aktar fil-periferija. Dan l-impenn jidher fil-livelli tal-Kindergarten, tal-Primarja u tas-Sekondarja, fejn il-proċess tad-dħul fl-iskejjel, li jsir permezz ta' sistema ta' polza, jippermetti l-inklużjoni tal-applikanti kollha qabel ma ssir l-għażla skont ir-regolamenti ppubblikati. B'dan il-mod, l-Iskejjel Kattoliċi jrawmu kultura fejn il-bniedem isir l-għan ewlieni u hekk l-iskola tkun komunità "b'rieda biex tiltaqa' mal-oħrajn, tfittex punti ta' kuntatt u tibni pontijiet." [11]

[9] Ara ibid., 13–14.
[10] Ara ibid., 22.
[11] Franġisku, Ittra enċiklika *Fratelli Tutti* (3 ta' Ottubru 2020), 216.

Fil-livell Post-Sekondarju, fejn id-dħul tal-istudenti f'dawn l-iskejjel huwa prinċipalment ibbażat fuq ir-riżultat akkademiku, l-iskejjel Kattoliċi jibqgħu jistinkaw biex jindirizzaw il-marġinalizzazzjoni permezz ta' inizjattivi ta' promozzjoni soċjali, programmi ta' responsabbiltà soċjali, tagħlim esperjenzjali u tmexxija bi prinċipji. Dawn l-isforzi kurrikulari, ippreżentati bħala programm ħolistiku, għandhom l-għan li jiffurmaw lill-istudenti b'għarfien aktar profond tal-umanità u b'sens ta' missjoni li jwassalhom biex isiru persuni li jikkontribwixxu għall-ġid komuni hekk kif jidħlu fid-dinja tax-xogħol u f'edukazzjoni ta' livell ogħla. Fl-aħħar mill-aħħar, l-edukazzjoni Kattolika tfittex li tittrasforma l-kultura għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada, billi tifforma żgħażagħ b'viżjoni politika msejsa fuq il-ġid komuni, iggwidata mill-prinċipji tas-sussidjarjetà, il-parteċipazzjoni u s-solidarjetà li joħorġu mill-Evanġelju u mit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Il-Papa Ljun XIV jenfasizza d-dmir tal-Knisja li takkumpanja lil kull persuna u trawwem "it-tkabbir tal-libertà, billi tieħu fuqha l-missjoni tal-Imgħallem Divin sabiex kulħadd 'ikollu l-ħajja, u l-ħajja bil-kotra' (Ġw 10:10). L-istili edukattivi li żviluppaw matul iż-żmien juru viżjoni tal-bniedem bħala xbieha ta' Alla, imsejjaħ għall-verità u għall-ġid, u varjetà ta' metodi li huma għas-servizz ta' din is-sejħa."[12]

12 Ljun XIV, Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama* (27 ta' Ottubru 2025), 2.1.

3

# Kuntest li qed jinbidel:

## il-kontribut tal-Iskejjel tal-Knisja f'perspettiva Kattolika tas-soċjetà Maltija tal-lum

3

# Kuntest li qed jinbidel:
## il-kontribut tal-Iskejjel tal-Knisja f'perspettiva Kattolika tas-soċjetà Maltija tal-lum

**IS-SOĊJETÀ MALTIJA,** bħall-biċċa l-kbira tal-Ewropa, qed tesperjenza żieda fis-sekularizzazzjoni, il-migrazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. Il-Knisja, permezz tal-edukazzjoni Kattolika fl-iskejjel tagħha, għandha tidħol fi djalogu ma' nies ta' rieda tajba, bil-għan li tittrasforma l-kultura Maltija minn ġewwa. L-edukazzjoni Kattolika, għalhekk, taffaċċja l-isfida li trawwem koeżistenza paċifika ta' diversi espressjonijiet kulturali.

Għalkemm 96.4% tal-popolazzjoni tidentifika ruħha bħala Kattolika Rumana,[13] ħafna jgħixu din l-identità aktar fuq livell kulturali — permezz tal-festi, simboli reliġjużi f'postijiet pubbliċi u riti Kattoliċi fil-mumenti importanti tal-ħajja tal-bniedem — mingħajr ma neċessarjament jipprattikaw il-fidi tagħhom.[14] Matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin, l-attendenza għall-Quddiesa tal-Ħadd naqset b'mod sinifikanti; fl-2017 kienet ta' 37%, u x'aktarx li din iċ-ċifra tkompli tonqos.[15] Il-kuntest Malti llum jippreżenta stampa kumplessa ta' tranżizzjoni: l-identità tal-pajjiż tirrifletti nazzjon iffurmat minn aktar minn 50 sena ta' sekularizzazzjoni u minn kurrenti soċjali usa' fl-Ewropa.

---

13 Malta National Statistics Office, *Census of population and housing 2021, Final Report,* Malta 2021.

14 Ara V. Marmara, *L-istat tan-nazzjon: l-istatistka, l-istħarriġ 2024,* Malta 2024, p. 171–399.

15 Discern, Institute for Research on Signs of the Times, *Malta Sunday Mass Attendance Census 2017,* Malta 2018.

Il-promozzjoni mifruxa tal-individwaliżmu, il-materjaliżmu u r-raġunar utilitarju, misjuqa minn ħsibijiet kapitalisti u neoliberali, wasslet għal globalizzazzjoni tal-indifferenza[16]; indifferenza li fetħet it-triq għal kultura fejn ħafna jfittxu l-għana malajr, spiss bi ħsara għall-ambjent u għas-solidarjetà soċjali.[17] Madankollu, il-faqar għadu preżenti f'partijiet tal-popolazzjoni.[18] L-attiviżmu politiku naqas ukoll, b'ħafna nies iħossuhom mingħajr vuċi quddiem kriżijiet globali dejjem jikbru, inklużi l-gwerer u d-degradazzjoni ambjentali. Għalhekk, l-iskejjel għandhom jagħtu s-setgħa liż-żgħażagħ biex ma jirtirawx mill-ħajja jew jibqgħu spettaturi, iżda biex jinvolvu ruħhom fir-realtà u jsiru protagonisti tal-bidla, jiġġieldu għal soċjetà aktar ġusta u fraterna, u jirreżistu l-konsumeriżmu u l-individwaliżmu superfiċjali.[19]

> ***"Il-kultura tal-kumdità twassalna biex naħsbu fina nfusna, twassalna biex inkunu insensibbli għall-karba tal-oħrajn, tagħmilna ngħixu fi bżieżaq tas-sapun, li huma sbieħ, imma ma huma xejn, huma biss illużjoni artifiċjali, tal-proviżorju, li twassal għall-indifferenza lejn l-oħrajn, anzi twassal għall-globalizzazzjoni tal-indifferenza. F'din id-dinja ta' globalizzazzjoni waqajna fil-globalizzazzjoni tal-indifferenza. Drajna t-tbatija ta' ħaddieħor, li ma jimpurtaniex minnha, ma tinteressaniex, mhix affari tagħna!"***[20]

---

16 Ara Franġisku, Ittra enċiklika *Fratelli Tutti* (3 ta' Ottubru 2020), 209.
17 Ara ibid., Ittra enċiklika *Laudato Si'* (24 ta' Mejju 2015), 158–162.
18 Ibid.
19 Ara ibid., Eżortazzjoni appostolika *Christus Vivit* (25 ta' Marzu 2019), 174.
20 Ara ibid., *Omelija fil-kamp sportiv 'Arena' f'Lampedusa* (8 ta' Lulju 2013).

## 3.1 IS-SOĊJETÀ MALTIJA QED ISSIR DEJJEM AKTAR SEKULARI

L-Iskejjel tal-Knisja għandhom responsabbiltà profonda li jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom. Din ix-xhieda trid tkun evidenti, konkreta u intenzjonata, speċjalment fil-kuntest tas-sekularizzazzjoni mifrux tal-lum, anke f'nazzjonijiet b'għeruq Kattoliċi profondi, bħalma hija Malta. Permezz tal-akkumpanjament uman u spiritwali, l-Iskejjel tal-Knisja huma msejħa jħaddnu l-irwol missjunarju tagħhom billi jipprovdu esperjenza edukattiva soda u mibnija fuq l-Evanġelju.[21]



L-Iskejjel tal-Knisja għandhom irwol importanti fit-tħejjija ta' persuni biex jesperjenzaw u jitrawmu fil-fidi. Permezz tal-approċċ edukattiv tagħhom, huma joħolqu ambjent li jrawwem ix-xewqa li wieħed ifittex il-verità u jesplora l-misteru tal-eżistenza tiegħu u tad-dinja. Dan il-vjaġġ jista' jwassal il-persuni fuq l-għatba tal-fidi. Għal dawk li jagħżlu li jħaddnu l-fidi, l-Iskejjel tal-Knisja jipprovdu r-riżorsi u l-appoġġ meħtieġ għal għarfien aktar profond u għal esperjenza tal-mixja spiritwali tagħhom.[22]

---

21 Ara Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, *Educating to Intercultural Dialogue in Catholic Schools: Living in Harmony for a Civilization of Love* (28 ta' Ottubru 2013), 12.

22 Ara ibid., *The Identity of the Catholic School for a Culture of Dialogue* (25 ta' Jannar 2022), 36.

## 3.2 IS-SOĊJETÀ MALTIJA QED ISSIR DEJJEM AKTAR MULTIKULTURALI

Is-soċjetajiet tal-lum huma kkaratterizzati minn kompożizzjoni multikulturali u multireliġjuża. F'dan il-kuntest, "l-edukazzjoni għandha sfida ċentrali għall-futur: li tippermetti lill-espressjonijiet kulturali differenti jgħixu flimkien u li tippromwovi d-djalogu sabiex tinbena soċjetà paċifika."[23] L-istorja ta' diversi Skejjel tal-Knisja fil-gżejjer Maltin hija kkaratterizzata mill-akkoljenza lil persuni minn kulturi differenti u, f'ħafna skejjel, ukoll minn twemmin differenti. "F'dan il-kuntest, 'dak li hu meħtieġ huwa fedeltà kuraġġuża u innovattiva lejn il-viżjoni pedagoġika proprja', li tesprimi ruħha fil-kapaċità li tagħti xhieda, li tkun taf u li tidħol fi djalogu mad-diversità."[24]



[23] Ara ibid., *Educating to Intercultural Dialogue in Catholic Schools: Living in Harmony for a Civilization of Love* (28 ta' Ottubru 2013), Introduzzjoni.

[24] Ara ibid., *The Identity of the Catholic School for a Culture of Dialogue* (25 ta' Jannar 2022), 27.

## 3.3 IS-SOĊJETÀ MALTIJA INTEGRATA FIL-KULTURA DIĠITALI U L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

Minbarra x-xhieda tal-fidi, komponent edukattiv ieħor tal-iskola huwa l-għarfien fit-tfittxija tal-verità. L-iskola għandha l-missjoni importanti li ddaħħal lill-persuni f'kuntatt ma' wirt kulturali u xjentifiku għani, tippreparahom għall-ħajja professjonali u trawwem għarfien reċiproku. L-edukazzjoni hija mibnija fuq relazzjonijiet u, fl-era diġitali, ma tistax tirriduċi ruħha għal algoritmi prevedibbli.[25] Quddiem it-trasformazzjonijiet teknoloġiċi kontinwi, l-użu mifrux ħafna tal-kultura diġitali u l-preżenza dejjem tikber tal-intelliġenza artifiċjali, l-esperjenza professjonali trid tkun akkumpanjata matul il-ħajja kollha minn ħiliet dejjem aktar ġodda, sabiex twieġeb għall-ħtiġijiet taż-żmien mingħajr ma titlef "is-sinteżi bejn il-fidi, il-kultura u l-ħajja, li hija l-pedament tal-missjoni edukattiva."[26]

Fl-iskejjel tagħna, l-għarfien għat-tfittxija tal-verità għandu jkun sostnut minn formazzjoni soda u kontinwa li titlob lill-edukaturi u lill-mexxejja tal-iskejjel ikollhom kapaċità qawwija li joħolqu, jivvintaw u jimmaniġġjaw ambjenti ta' tagħlim li joffru ħafna opportunitajiet, kif ukoll li "jirrispettaw l-intelliġenzi differenti tal-istudenti u jiggwidawhom lejn tagħlim sinifikanti u profond."[27] L-akkumpanjament tal-istudenti biex isiru jafu lilhom infushom, it-talenti u l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jagħmlu għażliet konxji fil-ħajja huwa l-għan aħħari tal-iskejjel tagħna.

---

[25] Ara Ljun XIV, Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama* (27 ta' Ottubru 2025), 4.1.

[26] Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, *Ċirkulari lill-Iskejjel, Universitajiet u Istituti Edukattivi (10 ta' Settembru 2020),* p. 2.

[27] Ibid., Instrumentum Laboris, *Educating Today and Tomorrow: A Renewing Passion* (7 ta' April 2014), 7.

## 3.4 IL-ĦARSIEN TAL-IDENTITÀ KATTOLIKA FI SPIRTU TA' DJALOGU U FTUĦ GĦALL-OĦRAJN

Il-ftuħ għall-oħrajn u l-inklużjoni għandhom ikunu l-karatteristiċi tal-Iskejjel tal-Knisja. Din l-inklużjoni hija fundamentali għall-identità u l-missjoni tagħhom.[28] Filwaqt li jħaddnu d-diversità, l-Iskejjel tal-Knisja jfittxu li jżommu l-identità Kattolika unika tagħhom, li hija essenzjali biex titrawwem kultura ta' djalogu.[29] Skola tal-Knisja, li tidentifika ruħha mingħajr ambigwità bħala Kattolika, hija inklużiva lejn persuni ta' twemmin differenti, filwaqt li għandha tkun ċara dwar it-tradizzjoni tal-fidi tagħha stess. Il-Knisja Kattolika hija intrinsikament Knisja ta' djalogu. L-Iskejjel tal-Knisja, filwaqt li jħaddnu dan l-ispirtu, huma afdati bir-responsabbiltà li jżommu u jħarsu l-prinċipji, il-valuri u t-twemmin tagħhom.[30] Aħna ngħixu f'dinja kkaratterizzata minn bidla u fluwidità kontinwa, fejn l-Evanġelju jibqa' l-uniku punt ta' referenza kostanti.

L-Iskejjel tal-Knisja jipparteċipaw fil-missjoni ekkleżjali tal-Knisja; għandhom għalhekk jippromwovu ethos Kattoliku li jħeġġeġ approċċ sinodali, fejn il-vuċijiet ta' kull bniedem mogħni bid-dinjità, jinstemgħu. Approċċ li hu minn fuq għal isfel ma jaqbilx mal-lingwaġġ u l-metodoloġija tal-Evanġelju li Ġesù Kristu uża meta kien jakkumpanja lid-dixxipli tiegħu. L-iskejjel għandhom jistinkaw biex jinbnew fuq il-valuri tal-Evanġelju u jinvolvu lil kulħadd fi djalogu rispettuż mal-kuntesti kulturali, reliġjużi u soċjali, kemm tal-edukaturi u kemm tal-istudenti.



[28] Ara Ljun XIV, Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama (27 ta' Ottubru 2025)*, 8.1, 8.3.
[29] Ara ibid., 3.1, 8.3.
[30] Ara Franġisku, XVI Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet, *For a Synodal Church: Communion, Participation, Mission, Dokument finali (26 ta' Ottubru 2024)*, 146.

4

# Karatteristiċi tal-Iskejjel tal-Knisja:

## prinċipji mhux negozjabbli li jiggwidaw l-Edukazzjoni Kattolika

4

# Karatteristiċi tal-Iskejjel tal-Knisja:

## prinċipji mhux negozjabbli li jiggwidaw l-Edukazzjoni Kattolika

**IL-KARATTERISTIĊI** li ġejjin, li ma jistgħux ikunu nnegozjati, għandhom jiddefinixxu l-identità tal-Iskejjel tal-Knisja f'Malta u Għawdex, u jservu bħala prinċipji-gwida biex jiżguraw li kull Skola tal-Knisja żżomm ethos Kattoliku ċar u awtentiku:

4.1 Impenn favur perspettiva ċċentrata fuq Kristu.
4.2 Impenn favur proċess ta' tagħlim imsejjes fuq ethos Kattoliku.
4.3 Impenn favur etika konsistenti lejn il-ħajja u l-kura tal-ħolqien kollu.
4.4 Impenn favur il-promozzjoni ta' edukazzjoni għall-paċi.
4.5 Impenn biex l-iskejjel iħaddnu stil sinodali.
4.6 Impenn favur il-wirt, l-identità u l-kariżma partikolari tal-iskola.
4.7 Impenn favur kultura u prattika ta' safeguarding.

Dawn il-karatteristiċi, li kull wieħed minnhom se jkun elaborat aktar f'din it-taqsima, huma elementi fundamentali li kull Skola tal-Knisja hija msejħa biex tħaddan. Filwaqt li dawn il-prinċipji jitolbu fedeltà lejn l-identità Kattolika, fl-istess ħin jiċċelebraw id-diversità tal-approċċi fi ħdan it-tradizzjoni Kattolika.

Il-kariżmi differenti juru diversi modi ta' kif jingħaxu l-valuri tal-Evanġelju. Għalkemm b'aċċenn differenti, b'mod konkret huma joffru metodoloġiji ta' kif jiġu mgħixa dawn il-valuri. Din id-diversità tarrekkixxi l-missjoni tal-Knisja u turi kif espressjonijiet differenti tal-fidi jistgħu jaħdmu flimkien f'armonija biex iżommu sodi l-prinċipji fundamentali tagħha.

Dawn l-approċċi distintivi joħolqu diversità vibranti fi ħdan qafas komuni u jikkontribwixxu għar-rikkezza tal-edukazzjoni Kattolika. Flimkien, dawn il-kariżmi jiltaqgħu fi vjaġġ kontinwu tal-bini tal-komunità u fid-dixxerniment tad-'diġà iżda mhux għalissa' tas-Saltna ta' Alla. Madankollu, il-kariżmi reliġjużi individwali tal-Iskejjel tal-Knisja f'Malta u Għawdex għandhom jerġgħu jiġu mġedda biex iwieġbu b'żelu għall-ħtiġijiet attwali u li ġejjin minn kull kuntest tal-istudenti, tal-edukaturi u tal-ġenituri jew kustodji legali. Dan it-tiġdid tal-kariżma għandu l-għan li jerġa' jqanqal il-ħeġġa u jiffoka mill-ġdid fuq il-missjoni prinċipali ta' dik il-kariżma. Dan huwa sforz intenzjonat biex nerġgħu lura għall-valuri u l-viżjoni prinċipali tal-fundaturi, biex niżguraw li l-wirt tagħhom ikompli jispira u jiggwida lill-Iskejjel tal-Knisja, anke waqt li dawn ifittxu li jibqgħu rilevanti.



Dettal mill-Monument ta' Kristu Re (1917), Antonio Sciortino, il-Furjana

## 4.1 IMPENN FAVUR PERSPETTIVA ĊĊENTRATA FUQ KRISTU

L-iskejjel Kattoliċi jqiegħdu fiċ-ċentru lil Ġesù Kristu, il-Verità u l-mudell aħħari tal-virtujiet umani.[31] Huwa jispira kull dimensjoni tal-iskola, inklużi l-filosofija tagħha, il-kurrikulu wiesa', il-ħajja tal-komunità, u l-ambjenti fiżiċi u diġitali tagħha. L-għan tal-edukazzjoni Kattolika huwa l-formazzjoni integrali tal-persuna umana, billi tipprepara għall-ħajja permezz ta' għarfien etiku u soċjali, u ta' dak li hu traxxendentali,[32] u billi tistieden lill-persuna tidħol f'relazzjoni ma' Ġesù Kristu jew tapprofondixxi dik li diġà teżisti.

### IMSEJSA FUQ ANTROPOLOĠIJA NISRANIJA

L-Iskejjel tal-Knisja jissintesizzaw il-kultura u l-fidi, u l-fidi u l-ħajja, billi jintegraw l-aspetti kollha tal-konoxxenza fid-dawl tal-Evanġelju u jrawmu valuri Nsara. L-għarfien uman jitqies bħala verità li trid tiġi magħrufa, li fl-aħħar mill-aħħar twassal lill-persuna biex tiskopri l-Verità aħħarija.[33] Kif jgħid il-Papa Ljun XIV: "Il-pedament jibqa' l-istess: il-persuna, xbieha ta' Alla (Ġen 1:26), kapaċi għall-verità u għal relazzjoni. Għalhekk, il-kwistjoni tar-relazzjoni bejn il-fidi u r-raġuni mhijiex kapitlu fakultattiv: 'Il-Verità Reliġjuża mhijiex biss parti mill-għarfien, iżda kundizzjoni tal-konoxxenza ġenerali'."[34]

---

31 Ara ibid., Eżortazzjoni appostolika *Christus Vivit* (25 ta' Marzu 2019), 222.
32 Ara Ljun XIV, Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama* (27 ta' Ottubru 2025), 4.2.
33 Ara ibid., 3.1.
34 Ara ibid.

## ANIMATA MILL-KOMUNJONI U MINN KOMUNITÀ F'SINERĠIJA MAL-FAMILJA

L-Iskejjel tal-Knisja jrawmu sens qawwi ta' komunità — relazzjonali u spiritwali — mibni fuq in-natura ta' Alla, tal-bniedem u tal-iskop komuni. Ix-xbieha divina hija riflessa f'kull persuna u tidher b'mod speċjali fil-komunjoni bejn il-persuni, li tirrifletti l-għaqda bejniethom.[35]

L-identità Kattolika ta' skola tidher fil-komunità tagħha, li tinkludi l-istaff kollu tal-iskola, irrispettivament mit-twemmin jew kuntest kulturali tagħhom. Flimkien, huma jiffurmaw ambjent Nisrani permezz tar-rieda tajba tagħhom u l-impenn għad-djalogu — imdawwal mir-raġuni, mis-sens komun u mill-moderazzjoni — u għas-solidarjetà, imnebbħa mill-kuraġġ u mill-ġustizzja.

Barra minn hekk, fil-qalba tal-missjoni tal-Iskejjel tal-Knisja hemm l-għażla preferenzjali għall-fqir, li titlob għarfien profond tal-isfidi li jiffaċċjaw dawk li jinsabu fil-periferiji eżistenzjali tas-soċjetà tagħna.[36] Għalhekk, l-edukazzjoni Kattolika tenfasizza valuri li jiffurmaw l-attitudnijiet umani, sens responsabbli ta' dmir, tfittxija tal-verità flimkien ma' ftuħ għall-ħsieb kritiku, u solidarjetà ma' kull persuna.[37] Waqt li tippromwovi l-ġustizzja u tispira lill-istudenti u lill-familji tagħhom biex isiru aġenti pożittivi tal-bidla, l-edukazzjoni Kattolika fl-Iskejjel tal-Knisja tfittex li tifforma individwi li jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal dinja aktar ġusta.[38] Waqt li jagħtu prijorità lill-edukazzjoni ta' kwalità għal dawk li huma żvantaġġati jew marġinalizzati, l-Iskejjel Kattoliċi jgħixu s-sejħa ta' Kristu biex jieħdu ħsieb lil dawk fil-periferija. Meta l-komunità tal-iskola ssir eżempju ħaj ta' kompassjoni, ġustizzja, umiltà u servizz, hija tħalli impatt dejjiemi fuq is-soċjetà u tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ħolqien.

---

[35] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, n. 1702.

L-edukaturi huma msejħa jħaddnu l-missjoni u l-viżjoni tal-Iskola tal-Knisja fejn jaħdmu, billi jiggwidaw l-iżvilupp soċjali taż-żgħażagħ afdati fil-kura tagħhom u jħeġġu relazzjonijiet sinifikanti, kemm fi ħdan il-komunità tal-iskola u kemm lil hinn minnha. L-edukaturi lajċi u reliġjużi jikkollaboraw flimkien fl-isforz edukattiv komuni, f'sinerġija mal-familja, u b'hekk jappoġġaw lill-ġenituri bħala edukaturi ewlenin, edukaturi f'kull aspett u edukaturi tul il-ħajja kollha ta' wliedhom.



[36] Ara Ljun XIV, Eżortazzjoni appostolika *Dilexi Te* (4 ta' Ottubru 2025), 16; Ljun XIV, Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama* (27 ta' Ottubru 2025), 2.3.

[37] Ara ibid., Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama* (27 ta' Ottubru 2025), 6.1–7.3.

[38] Ara ibid, 4.2.

## SOSTNUTI MIX-XHIEDA TAL-EVANĠELJU

Għarfien ċar tal-missjoni unika tal-edukazzjoni Kattolika huwa essenzjali għall-istaff kollu tal-iskola, peress li x-xhieda personali tagħhom tinfluwenza profondament lill-istudenti, ħafna drabi aktar mit-tagħlim akkademiku stess. L-iżvilupp tal-fidi permezz tal-edukazzjoni jiddependi ħafna fuq edukaturi li jgħixu u jwasslu l-messaġġ Nisrani. Il-Papa San Pawlu VI kien enfasizza li llum il-bniedem hu iktar miġbud minn xhieda milli minn għalliema[39], u għalhekk l-edukaturi għandhom iħaddnu l-valuri tal-Evanġelju kemm fil-klassi u kemm barra minnha. Din ix-xhieda tifforma l-ethos tal-iskola, tarrikkixxi l-kurrikulu u ssaħħaħ l-irwol tagħha fil-missjoni ta' evanġelizzazzjoni u edukazzjoni tal-Knisja.

Dan jitlob approċċ sensittiv li jagħraf li mhux l-edukaturi kollha jistgħu personalment jintrabtu mal-fidi Kattolika. Madankollu, kull impjegat tal-Iskola tal-Knisja għandu jirrispetta n-natura appostolika tal-iskola. Il-punt ewlieni huwa li tinżamm attitudni miftuħa u mhux ġudikanti, filwaqt li jiġi rrispettat it-tagħlim tal-Knisja u tkun mgħixa ħajja eżemplari ħielsa mid-diskriminazzjoni. Dan jitlob li wieħed jagħraf u jifhem il-periferiji ġodda tas-soċjetà u s-sistemi li joħolquhom, filwaqt li jaħdem bla heda għall-ġustizzja u l-ugwaljanza bħala sfida għall-*istatus quo*.

[39] Ara San Pawlu VI, Eżortazzjoni appostolika *Evangelii Nuntiandi* (8 ta' Diċembru 1975), 41.

L-irwol tal-edukaturi fl-Iskejjel tal-Knisja huwa aktar minn professjoni — hija vokazzjoni sagra msejsa fuq it-twemmin Nisrani.[40] L-edukaturi huma msejħa biex iqisu xogħolhom bħala parti integrali mill-mixja tal-fidi tagħhom, wieħed li jittraxxendi l-istruzzjoni akkademika, u jħaddan din il-missjoni personali fil-Knisja biex irawwem kemm l-għarfien, kemm it-tkabbir spiritwali tal-istudenti. L-ispirtu tal-Evanġelju għandu jidħol f'kull aspett tal-klima edukattiva, b'Marija, Omm Alla, bħala preżenza-gwida li tkompli ssaħħaħ l-aspett komunitarju tal-iskola.

**Essenzjalment, l-edukazzjoni Kattolika ssir mod kif wieħed jaqdi lil Alla u lill-oħrajn, billi r-responsabbiltajiet professjonali jiġu msieħba minn għan spiritwali ogħla.**

[40] Ara Ljun XIV, Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama* (27 ta' Ottubru 2025), 3.1.

## 4.2 IMPENN FAVUR PROĊESS TA' TAGĦLIM IMSEJJES FUQ ETHOS KATTOLIKU

L-edukazzjoni Kattolika tgħaqqad it-tagħlim mal-formazzjoni, anke jekk tagħmel distinzjoni bejniethom. It-tfittxija tal-verità fit-tagħlim twassal għas-sejbien tal-Verità nnifisha u tifforma l-iżvilupp intellettwali, morali u spiritwali tal-istudenti. "L-iskejjel huma postijiet fejn il-mistoqsijiet mhumiex imsikkta, u d-dubju mhux imkeċċi, iżda akkumpanjat. Hemmhekk, il-qalb tidħol fi djalogu mal-qalb, u l-metodu huwa dak tas-smigħ li jagħraf lill-ieħor bħala ġid, mhux theddida."[41]

L-edukazzjoni Kattolika toffri spazju u gwida lill-istudenti biex jiddixxernu r-rabta qawwija bejn l-għarfien akkademiku, ir-raġuni u l-fidi. Il-Papa Franġisku saħaq fuq edukazzjoni li tinvolvi l-moħħ, il-qalb u l-idejn, u li tgħaqqad il-ħsieb mas-sentiment u l-azzjoni[42] li tinkuraġġixxi lill-istudenti jħossu b'mod profond dak li jemmnu u jagħmlu, u jaġixxu f'armonija mal-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom. Dan jorbot ma' pedagoġija li tfittex li tbiddel gruppi f'komunitajiet u konsumaturi fi bnedmin li jfittxu t-tifsira tal-ħajja.

It-tagħlim tas-suġġetti differenti, imsejjes fuq it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja, jistieden lill-istudenti jirriflettu fuq l-irwol tagħhom fil-promozzjoni għall-ġustizzja, għall-paċi u għas-solidarjetà. L-iskejjel għandhom jibbilanċjaw l-esperjenza umana mal-għarfien intellettwali, sabiex l-istudenti jifhmu t-tifsira wara l-għarfien tagħhom. Esperjenzi edukattivi bħal dawn iwasslu għal għarfien profond tal-ekoloġija integrali — li dak kollu li jiġri fid-dinja tagħna huwa marbut b'mod profond fuq diversi livelli, u li permezz tal-edukazzjoni, it-tama għal futur aħjar hija possibbli bil-ħidma ta' kulħadd.[43]

---

41 Ara ibid.

42 Ara Franġisku, *Tislima tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku lid-Diriġenti u Studenti tal-Istitut 'Ambrosoli' ta' Codogno (Lodi)* (22 ta' Mejju 2021).

43 Ara ibid., Ittra enċiklika *Laudato Si'* (24 ta' Mejju 2015), 209–215.



## 4.3 IMPENN FAVUR ETIKA KONSISTENTI LEJN IL-ĦAJJA U L-KURA TAL-ĦOLQIEN KOLLU

L-iskejjel Kattoliċi huma msejħa jippromwovu etika konsistenti favur il-ħajja u l-kura tal-ħolqien kollu, imsejsa fuq it-tagħlim bibliku u murija fil-ministeru mimli kompassjoni ta' Ġesù. Dan jisfida lill-persuni biex jagħrfu l-valur sagru tal-ħajja f'diversi oqsma — mill-oppożizzjoni għall-abort u għall-gwerra nukleari sal-ġlieda kontra r-razziżmu, il-faqar, il-piena tal-mewt u l-qerda ambjentali.[44] Dan jitlob perspettiva ħolistika li tmur lil hinn mid-diviżjonijiet politiċi u li tħeġġeġ lill-persuni jkunu favur il-ħajja f'kull aspett tagħha: billi jappoġġaw lit-tarbija fil-ġuf, lill-emarġinati u lil dawk li jinsabu fl-aħħar stadji tal-ħajja naturali tagħhom.

Dan l-approċċ etiku jippromwovi wkoll stil ta' ħajja mġedded li jagħti prijorità 'li tkun' aktar milli 'li jkollok', u lill-persuni fuq l-affarijiet. Jistedinna ngħaddu mill-indifferenza għal tħassib ġenwin għall-oħrajn, u b'hekk jisfida l-kultura prevalenti tal-mewt u jrawwem soċjetà aktar kompassjonevoli u inklużiva. Kif jafferma l-Papa Ljun XIV: "L-edukazzjoni Nisranija tixbah koreografija... Li tifforma lill-persuna 'sħiħa' jfisser li tevita s-separazzjoni bejn l-aspetti tal-ħajja. Meta tkun vera, il-fidi mhijiex 'suġġett' miżjud, iżda nifs li jagħti l-ossiġnu lis-suġġetti kollha. B'hekk, l-edukazzjoni Kattolika ssir ħmira fil-komunità umana: toħloq reċiproċità, tegħleb ir-riduzzjoniżmu u tiftaħ għar-responsabbiltà soċjali."[45]

---

[44] Ara Ljun XIV, Eżortazzjoni appostolika *Dilexi Te* (4 ta' Ottubru 2025), 72, 92–98.
[45] Ibid., Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama* (27 ta' Ottubru 2025), 6.2.



L-Iskejjel tal-Knisja huma wkoll imsejħa jkunu kustodji tal-ħolqien permezz ta' edukazzjoni u azzjoni ambjentali, imnebbħa mill-Enċiklika *Laudato Si'* tal-Papa Franġisku (2015), l-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu *Laudate Deum* (2023), u l-formularju l-ġdid tal-Quddiesa għall-Kura tal-Ħolqien ippubblikat fl-2025.[46] Dan jitlob li l-Iskejjel tal-Knisja jħejju lill-istudenti u lill-familji tagħhom biex iħossuhom responsabbli għall-ħolqien kollu u biex jifhmu kwistjonijiet ambjentali kritiċi bħat-tisħin globali, permezz ta' kurrikulu xjentifikament rigoruż. Eżempji ta' kif dan jista' jitwettaq fil-prattika jinkludu: l-integrazzjoni tal-etika ekoloġika fis-suġġetti kollha, it-trawwim fi sħubijiet globali, u l-involviment f'servizz komunitarju li jindirizza t-tniġġis u t-telf tal-ambjenti naturali. L-għan huwa li wieħed iwieġeb għas-sejħa tal-Knisja għal konverżjoni interjuri profonda, billi nagħrfu l-oriġini u l-futur komuni tagħna, filwaqt li niżviluppaw attitudnijiet ġodda li jiżguraw żvilupp sostenibbli u kwalità ta' ħajja għall-umanità kollha.

46 Ibid., *Digriet tad-Dikasteru għat-Testi Leġislattivi għall-Formularju u l-Qari Bibliku għall-Quddiesa għall-Ħarsien tal-Ħolqien* (3 ta' Lulju 2025).

## 4.4 IMPENN FAVUR IL-PROMOZZJONI TA' EDUKAZZJONI GĦALL-PAĊI

F'dinja dejjem aktar immarkata mill-firdiet, kunflitti u tensjonijiet soċjali, l-edukazzjoni għall-paċi hija aktar meħtieġa minn qatt qabel. Il-paċi, fil-kliem tal-Papa Ljun XIV, "mhijiex biss in-nuqqas ta' kunflitt: hija l-qawwa ġentili li tirrifjuta l-vjolenza. L-edukazzjoni għall-paċi 'bla armi u li ttaffi l-ostilità' tgħallimna npoġġu fil-ġenb l-armi tal-kelma aggressiva u tal-ħarsa li tiġġudika, sabiex nitgħallmu l-lingwa tal-ħniena u tal-ġustizzja rrikonċiljata."[47] Għalhekk, l-iskejjel Kattoliċi għandhom jaddottaw approċċ sħiħ għall-edukazzjoni għall-paċi, imsejjes sew fuq it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja u fuq it-tagħlim ta' Kristu. Il-valuri tal-paċi għandhom jiġu integrati fl-aspetti kollha tal-ħajja tal-iskola.

Permezz tal-kurrikulu tagħhom, l-istudenti jitgħallmu dwar kif jissewwew il-kunflitti, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-importanza tas-servizz lejn l-oħrajn, filwaqt li jrawmu djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet u jitrawmu bħala bennejja tal-paċi. Dan il-qafas edukattiv għandu jinkludi materjal ta' tagħlim ibbażat fuq il-valuri li jsaħħaħ l-istima personali, l-għarfien tal-oħrajn u t-tiswija kostruttiva tal-kunflitti. L-edukazzjoni għall-paċi titlob formazzjoni għall-empatija, impenn lejn il-ġustizzja u atteġġament ta' ftuħ għar-rikonċiljazzjoni, filwaqt li tiggwida lill-istudenti biex ikunu ġentili, jirrispettaw id-diversità u jfittxu l-armonija fil-ħajja ta' kuljum. Waqt li tagħti lill-istudenti ħiliet għal kif isewwu l-kunflitti, għall-ħsieb kritiku u għar-rispett profond lejn id-dinjitàtal-bniedem, l-edukazzjoni tagħtihom il-qawwa biex jisfidaw l-inġustizzja, jibnu pontijiet fejn hemm il-firdiet u jikbru bħala mexxejja kompassjonevoli li jikkontribwixxu b'risq dinja aktar paċifika u ħanina.

---

[47] Ibid., Ittra appostolika *Nfasslu mapep ġodda ta' tama* (27 ta' Ottubru 2025), 7.3.

L-iskejjel għandhom joħolqu spazji siguri għad-djalogu, il-medjazzjoni u l-fejqan, filwaqt li jrawmu l-umiltà u l-ħiliet ta' komunikazzjoni bħala għodod essenzjali għall-bini tal-paċi, u jippromwovu valuri bħall-imħabba, il-maħfra u l-ġustizzja soċjali. Billi jrawmu ambjent ta' għarfien reċiproku u inklużjoni, l-iskejjel Kattoliċi jgħinu fil-formazzjoni ta' ġenerazzjoni impenjata li tibni dinja aktar ġusta u armonjuża, u li tifforma studenti f'individwi kompassjonevoli, ġusti u responsabbli.



Waqt li jistrieħu fuq it-tagħlim reliġjuż dwar il-ħniena u r-rikonċiljazzjoni, l-iskejjel Kattoliċi jistgħu jimxu lejn prattiċi ta' ġustizzja ristorattiva minflok approċċi purament punittivi. L-edukazzjoni għall-paċi trawwem kultura ta' djalogu, empatija u mingħajr vjolenza, u tħejji lill-istudenti biex isiru bennejja tal-paċi fil-komunitajiet tagħhom u lil hinn minnhom. L-involviment f'inizjattivi ta' edukazzjoni kondiviża ma' skejjel minn setturi oħra jista' japprofondixxi l-għarfien u r-rispett ta' kulturi differenti, u jsaħħaħ viżjoni ħolistika tal-edukazzjoni għall-paċi.

Dan l-approċċ ħolistiku għall-edukazzjoni għall-paċi jipprovdi lill-istudenti bl-għarfien, il-ħiliet u l-valuri meħtieġa biex jikkontribwixxu għal dinja aktar ġusta u armonjuża, filwaqt li jinkorpora l-viżjoni Kattolika tad-dinjità tal-bniedem u tal-ġid komuni.[48]

[48] Ara ibid., Eżortazzjoni appostolika *Dilexi Te* (4 ta' Ottubru 2025), 97.

## 4.5 IMPENN BIEX L-ISKEJJEL IĦADDNU STIL SINODALI

L-iskejjel Kattoliċi jiffurmaw ruħhom skont il-viżjoni tal-Papa Ljun XIV ta' Knisja li timxi flimkien, fejn l-awtorità titħaddem bħala servizz aktar milli bħala poter, u fejn il-frott tad-dixxerniment joħroġ mis-sens tal-fidi (sensus fidei) preżenti fil-Poplu kollu ta' Alla.[49] Bħala entitajiet tassew sinodali, l-Iskejjel tal-Knisja jħaddnu dixxerniment kollettiv permezz ta' djalogu sinifikanti bejn il-partijiet kollha interessati. Dan jinvolvi l-ħolqien ta' strutturi formali li jippermettu lill-istudenti, lill-edukaturi, lill-ġenituri, lill-mexxejja reliġjużi u lil-lajċi jipparteċipaw fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Iktar minn sempliċi konsultazzjoni, is-sinodalità titlob smigħ spiritwali profond għal dak li jgħidilna l-Ispirtu s-Santu u għall-esperjenzi konkreti ta' kull membru tal-komunità.[50]

Għalhekk, l-Iskejjel tal-Knisja għandhom jippromwovu konverżazzjonijiet spiritwali, speċjalment fost il-membri fit-tmexxija, u dawk li jgħinuhom, u opportunitajiet komunitarji ta' talb u riflessjoni. Elementi ewlenin ta' dan l-istil jinkludu r-rispett lejn il-komplimentarjetà tal-vokazzjoni tal-persuni kkonsagrati, tas-saċerdoti djoċesani u tal-lajċi, waqt li jiġu żgurati s-sussidjarjetà fit-tmexxija tal-iskola, u l-ħolqien ta' spazji fejn kull membru tal-komunità tal-iskola kollha jista' jsemma' leħnu.

---

[49] Ibid., *Omelija fil-Quddiesa fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Équipes Sinodali u tal-organiżmi ta' parteċipazzjoni* (26 ta' Ottubru 2025).

[50] Ara Franġisku, XVI Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet, *For a Synodal Church: Communion, Participation, Mission, Dokument finali* (26 ta' Ottubru 2024), 43.

## 4.6 IMPENN FAVUR IL-WIRT, L-IDENTITÀ U L-KARIŻMA PARTIKOLARI TAL-ISKOLA

Id-diversità tal-kariżmi fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta u Għawdex tirrifletti l-imħabba ta' Alla lejn il-Knisja u s-soċjetà, u ssawwar xhieda għanja u ħajja tal-Evanġelju u tal-Misteru ta' Kristu. Kariżma hija sens interjuri għal sejħa evanġelika — hija don ispirat mill-Ispirtu s-Santu li jġedded il-missjoni tal-Knisja. Il-kariżmi jiffurmaw u jagħtu tifsira lill-ethos, lit-tessut soċjali u lill-identità tal-iskola. Huma jipprovdu perspettivi differenti li permezz tagħhom l-Evanġelju janima l-komunità tal-iskola u jħejji liż-żgħażagħ għal ħajja ta' servizz f'dinja li qed tinbidel. Skejjel li jgħixu l-kariżma tagħhom jipprovdu metodoloġija partikolari għall-għixien tal-valuri tal-Evanġelju.

L-Iskejjel tal-Knisja mwaqqfa mid-Djoċesijiet, mill-Istituti ta' Ħajja Kkonsagrata u minn Assoċjazzjonijiet Pubbliċi tal-Fidili, jgħixu identità u missjoni partikolari skont l-ispirtu u l-intenzjoni tal-Fundaturi tagħhom. Għalhekk, l-iskejjel għandhom jipprovdu opportunitajiet biex il-kariżma tagħhom tiġi mgħixa fil-ħajja ta' kuljum tal-iskola, u b'hekk tissaħħaħ ir-relazzjoni mal-persuna ta' Kristu.





L- Għolja tas-Salvatur, Marsalforn

## 4.7 IMPENN FAVUR KULTURA U PRATTIKA TA' SAFEGUARDING

L-iskejjel Kattoliċi jirrikonoxxu, flimkien mal-Knisja Kattolika, l-impatt profond tal-abbuż fuq il-vittmi u l-familji tagħhom. Għalhekk għandhom jistabbilixxu u jżommu ambjent b'tolleranza żero u kompletament ħieles minn kull forma ta' abbuż — kemm jekk sesswali, fiżiku, psikoloġiku jew emozzjonali.[51] L-Iskejjel tal-Knisja kollha huma impenjati li jżommu din il-kultura permezz ta' miżuri komprensivi ta' safeguarding, li jinkludu:

1. Linji gwida ċari dwar kondotta etika għall-komunità kollha tal-iskola.
2. Programmi regolari ta' taħriġ biex jippromwovu r-rispett fir-relazzjonijiet u jagħrfu mġiba mhux xierqa.
3. Politiki sodi, taħt id-direzzjoni tal-Kummissjonijiet tas-Safeguarding, li jiżguraw azzjoni fil-pront kontra kull allegazzjoni ta' abbuż.

Dawn il-miżuri huma essenzjali biex jipproteġu lill-istudenti u lill-istaff u biex tinżamm il-fiduċja fl-istituzzjonijiet edukattivi tagħna.

---

51 Ara Konferenza Episkopali Matija u Konferenza Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi, *Safeguarding Policy adopted by the Church in Malta and Gozo*, Malta 2024.

# Konklużjoni

Dan id-dokument jipprovdi għarfien teoloġiku u filosofiku importanti dwar in-natura u l-missjoni tal-iskejjel Kattoliċi f'Malta u Għawdex, u jistabbilixxi l-prinċipji essenzjali u mhux negozjabbli li jiggwidawhom. L-għan tiegħu huwa li jistabbilixxi pedament għall-formazzjoni kontinwa tal-edukaturi kollha, b'mod speċjali tal-mexxejja tal-iskejjel. Dan id-dokument jagħti s-setgħa lill-Iskejjel tal-Knisja biex jgħinu lill-Knisja lokali twettaq il-missjoni profetika tagħha quddiem bidliet kulturali mgħaġġla, speċjalment l-isfidi tas-sekulariżmu, id-diġitalizzazzjoni u l-multikulturaliżmu.

Permezz tal-eċċellenza edukattiva tagħhom, imsejsa fuq il-missjoni evanġelika u fuq kariżmi li qed jevolvu, l-Iskejjel tal-Knisja huma msejħa jrawmu kultura ta' inkontru u djalogu, jippromwovu konverżjoni umana u ekoloġika integrali, u jrawmu tweġiba trasformattiva għall-ħtiġijiet tas-soċjetà Maltija.



# Appendiċi

## *Appendix*

Appendiċi 1 / *Appendix 1*

# Lista ta' Skejjel tal-Knisja f'Malta u Għawdex

*List of Church Schools in Malta and Gozo*

## KINDERGARTEN (MALTA)

- St Albert the Great College, Fgura
- St Aloysius College, Ħal Balzan
- St Angela, Ħal Lija
- St Angela, Msida
- St Angela, Rabat, Malta
- St Angela, Ħaż-Żabbar
- St Dorothy's, Tas-Sliema
- St Dorothy's, Ħaż-Żebbuġ
- St Francis, Birkirkara
- St Francis, San Ġwann
- St Francis, Santa Luċija
- St Joan Antide, Gudja
- St Joseph, Blata l-Bajda
- St Joseph, Paola
- St Joseph, Tas-Sliema
- St Monica, Gżira
- St Monica, Mosta
- Theresa Nuzzo School, Ħamrun

---

## KINDERGARTEN (GOZO)

- Bishop's Conservatory, Rabat, Gozo
- Laura Vicuna School, Rabat, Gozo
- St Francis, Rabat, Gozo
- St Theresa, Ta' Kerċem

---

## PRIMARY SCHOOLS (MALTA)

- Archbishop's Seminary, Rabat, Malta
- De La Salle College, Vittoriosa
- Our Lady Immaculate, Ħamrun
- Sacred Heart College, St Julian's
- St Albert the Great College, Valletta
- St Aloysius College, Ħal Balzan
- St Augustine College, Marsa
- St Benilds, Tas-Sliema
- St Dorothy's, Tas-Sliema
- St Dorothy's, Ħaż-Żebbuġ
- St Francis, Birkirkara
- St Francis, Cospicua
- St Francis, Msida
- St Joan Antide, Gudja
- St Joseph, Blata l-Bajda
- St Joseph, Paola
- St Joseph, Tas-Sliema
- St Monica, Birkirkara
- St Monica, Gżira
- St Monica, Mosta
- St Paul's Missionary College, Rabat, Malta
- Stella Maris College, Gżira
- Theresa Nuzzo School, Marsa

## PRIMARY SCHOOLS (GOZO)

- Bishop's Conservatory, Rabat, Gozo
- Laura Vicuna, Għasri
- St Francis, Rabat, Gozo
- St Theresa, Ta' Kerċem

## SECONDARY SCHOOLS (MALTA)

- Archbishop's Seminary, Rabat, Malta
- De La Salle College, Vittoriosa
- Immaculate Conception, Ħal Tarxien
- Our Lady Immaculate, Ħamrun
- Sacred Heart College, St Julian's
- Saint Elias College, Santa Venera
- Savio College, Ħad-Dingli
- St Albert the Great College, Valletta
- St Aloysius College, Birkirkara
- St Augustine College, Tal-Pietà
- St Dorothy's, Ħaż-Żebbuġ
- St Francis, Tas-Sliema
- St Joseph, Blata l-Bajda
- St Joseph, Paola
- St Joseph, Tas-Sliema
- St Michael School, Santa Venera
- St Monica, Birkirkara
- St Monica, Gżira
- St Paul's Missionary College, Rabat, Malta
- Stella Maris College, Gżira

## SECONDARY SCHOOLS (GOZO)

- Bishop's Conservatory, Rabat, Gozo
- Sacred Heart Seminary, Rabat, Gozo

## POST-SECONDARY SCHOOLS (MALTA)

- De La Salle College, Vittoriosa
- St Aloysius College, Birkirkara

# Biblijografija

## *Bibliography*

## Biblijografija / *Bibliography*


Catholic Church. *Catechism of the Catholic Church*. 2nd ed. Vatican City: Libreria Editrice Vaticana, 1997. Available online at: https://www.vatican.va/archive/ENG0015/_INDEX.HTM

Catholic Church. *Code of Canon Law*. Vatican City: Libreria Editrice Vaticana, 1983. Available online at: https://www.vatican.va/archive/cod-iuris-canonici/cic_index_en.html

Congregation for Catholic Education. *Circular Letter to Schools, Universities and Educational Institutions*. 10 September 2020. Available online at: https://www.educatio.va/content/dam/cec/Documenti/2020-09/EN-CONGREGATIO-LETTERA-COVID.pdf

Congregation for Catholic Education. *Educating Today and Tomorrow: A Renewing Passion, Instrumentum Laboris*. 7 April 2014. https://www.vatican.va/roman_curia/congregations/ccatheduc/documents/rc_con_ccatheduc_doc_20140407_educare-oggi-e-domani_en.html

Discern, Institute for Research on Signs of the Times. *Malta Sunday Mass Attendance Census 2017*. Malta: Outlook Coop, 2018. Available online at: https://discern.mt/wp-content/uploads/2024/06/Malta-Sunday-Mass-Attendance-Census-2017.pdf

Francis. Apostolic Exhortation *Christus Vivit*. 25 March 2019. Available online at: https://www.vatican.va/content/francesco/en/apost_exhortations/documents/papa-francesco_esortazione-ap_20190325_christus-vivit.html

Francis. Encyclical Letter *Fratelli Tutti*. 3 October 2020. Available online at: https://www.vatican.va/content/francesco/en/encyclicals/documents/papa-francesco_20201003_enciclica-fratelli-tutti.html

Francis. Encyclical Letter *Laudato Si'*. 24 May 2015. Available online at: https://www.vatican.va/content/francesco/en/encyclicals/documents/papa-francesco_20150524_enciclica-laudato-si.html

Francis. *Homily at 'Arena' Sport Camp in Lampedusa*. 27 July 2013. Available online at: https://www.vatican.va/content/francesco/en/homilies/2013/documents/papa-francesco_20130708_omelia-lampedusa.html

Francis. *Greetings of His Holiness Pope Francis to the Managers and Students of the Institute 'Ambrosoli' in Codogno (Lodi)*. 22 May 2021. Available online at: https://www.vatican.va/content/francesco/it/speeches/2021/may/documents/papa-francesco_20210522_istitutoambrosoli-codogno.html

Francis. XVI Ordinary General Assembly of the Synod of Bishops: *For a Synodal Church: Communion, Participation, Mission, Final Document*. 26 October 2024. Available online at: https://www.synod.va/content/dam/synod/news/2024-10-26_final-document/ENG---Documento-finale.pdf

Holy See and Republic of Malta. *Agreement between the Holy See and the Republic of Malta on Church Schools*. 28 November 1991. Available online at: https://www.vatican.va/roman_curia/secretariat_state/archivio/documents/rc_seg-st_19930218_santa-sede-rep-malta-scuole_en.html

Leo XIV. Apostolic Exhortation *Dilexi Te*. 4 October 2025. Available online at: https://www.vatican.va/content/leo-xiv/en/apost_exhortations/documents/20251004-dilexi-te.html

Leo XIV. Apostolic Letter *Drawing New Maps of Hope*. 27 October 2025. Available online at: https://www.vatican.va/content/leo-xiv/en/apost_letters/documents/20251027-disegnare-nuove-mappe.html

Leo XIV. *Decree of the Dicastery for Legislative Texts on the Formulary and Biblical Readings for the Mass for the Care of Creation*. 3 July 2025. Available online at: https://press.vatican.va/content/salastampa/en/bollettino/pubblico/2025/07/03/250703b.html

Leo XIV. *Homily at mass on the Jubilee of the Synodal Teams and Participatory Bodies*. 26 October 2025. Available online at: https://www.vatican.va/content/leo-xiv/en/homilies/2025/documents/20251026-giubileo-equipe-sinodali.html

Malta National Statistics Office. *Census of population and housing 2021, Final Report*. Valletta: National Statistics Office, 2021. Available online at: https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/Census-of-Population-2021-volume1.pdf

Marmara, V. *L-istat tan-nazzjon: l-istatistka, l-istħarriġ 2024*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2024.

Maltese Episcopal Conference and Conference of Major Religious Superiors, *Safeguarding Policy adopted by the Church in Malta and Gozo*. Malta 2024. Available [Online] at: https://safeguarding.mt/wp-content/uploads/2024/11/Safeguarding-Policy-A5_V5.pdf

Sacred Congregation for Catholic Education. *Educating to Intercultural Dialogue in Catholic Schools: Living in Harmony for a Civilization of Love*. 28 October 2013. Available online at: https://www.vatican.va/roman_curia/congregations/ccatheduc/documents/rc_con_ccatheduc_doc_20131028_dialogo-interculturale_en.html

Sacred Congregation for Catholic Education. *The Identity of the Catholic School for a Culture of Dialogue*. 25 January 2022. Available online at: https://www.vatican.va/roman_curia/congregations/ccatheduc/documents/rc_con_ccatheduc_doc_20220125_istruzione-identita-scuola-cattolica_en.html

Saint Irenaeus. *Against Heresies*. In Patrologia Graeca, vol. 7, edited by J.-P. Migne, 521–1208. Paris: Imprimerie Catholique, 1857.

Saint Paul VI. Apostolic Exhortation *Evangelii Nuntiandi*. 8 December 1975. Available online at: https://www.vatican.va/content/paul-vi/en/apost_exhortations/documents/hf_p-vi_exh_19751208_evangelii-nuntiandi.html

SEGRETARJAT
EDUKAZZJONI KATTOLIKA

**Telephone:**
SfCE: +356 2203 9300
Admissions: +356 2203 9360

**Email:**
info@csm.edu.mt

**Indirizz:**
36, Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika
Triq Idmejda, Ħal Balzan BZN1520

**csm.edu.mt**